

- L-Artikolu 5(6), tad-Direttiva 2008/48/KE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li l-ispiegazzjonijiet xierqa pprovduti lill-konsumatur jirriżultaw biss minn informazzjoni kuntrattwali msemmija fil-ftehim ta' kreditu, mingħajr ma jiġi redatt dokument speċifiku ?

(<sup>1</sup>) Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU L 133, p. 66).

**Appell ippreżżentat fit-12 ta' Awwissu 2013 minn Donaldson Filtration Deutschland GmbH mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral (It-Tieni Awla) fit-30 ta' Mejju 2013 fil-Kawża T-396/11 — ultra air GmbH vs L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**

**(Kawża C-450/13 P)**

(2013/C 313/21)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

## Partijiet

**Appellant:** Donaldson Filtration Deutschland GmbH (rappreżentanti: N. Siebertz, M. Teworte-Vey, A. Renvert, avukati)

**Partijiet oħra fil-proċedura:** L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), ultra air GmbH

## Talbiet tal-appellant

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġeneral (It-Tieni Awla) tat-30 ta' Mejju 2013 fil-Kawża T-396/11 u għaldaqstant tieħad ir-rikors ippreżżentat minn ultra air GmbH kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern, tat-18 ta' Mejju 2011 (Każ R 374/2010-4);
- tikkundanna lil ultra air GmbH għall-ispejjeż.

## Aggravji u argumenti prinċipali

L-appell mill-imsemmija sentenza tal-Qorti Ġeneral huwa essenzjalment ibbażat fuq l-aggravji li ġejjin:

- (1) Nuqqas ta' evalwazzjoni tal-eċċezzjoni ta' abbuż ta' dritt bħala prinċipju legali ġenerali

Skont l-appellant, il-Qorti Ġeneral wettqet żball ta' liġi billi, kunrarjament għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li quddiemha ġie ppreżżentat dan l-appell, ma hadix inkunis-derazzjoni fis-sentenza appellata li l-prinċipju legali ġeneral ta' abbuż ta' dritt, li jippermetti u jeżiġi li ssir evalwazzjoni tal-fatti tal-każ inkwistjoni, għandu jiġi osservat anki fil-kuntest tad-dritt Komunitarju fil-qasam tat-trade marks. Minflok, il-Qorti Ġeneral ilimitat ruħha biss li tiddikjara li l-proċedura skont l-Artikolu 52(1)(a), ikkunsidrat flimkien

mal-Artikolu 56(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 (<sup>1</sup>), hija azzjoni popolari, u li għaldaqstant il-fatti tal-każ inkwistjoni li ġew invokati ma għandhomx jiġi evalwati.

B'dan il-mod, il-Qorti Ġeneral naqset milli tieħu inkunis-razzjoni l-fatt li minkejja li l-leġiżlatur ikkonċepixa l-proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità skont l-Artikolu 56(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 bħala proċedimenti li jistgħu jitressu minn kulħadd, dan madankollu ma jippreklidit it-teħid inkunis-derazzjoni tal-eċċezzjoni ta' abbuż ta' dritt bħala prinċipju legali ġenerali, li għandu jiġi osservat anki fil-kuntest tad-dritt Komunitarju.

Fil-fatt, l-eskużjoni tat-talbiet ivvizzjati minn abbuż ta' dritt ma hijiex paragħunabbli mal-introduzzjoni tar-rekwiżit tal-prova tal-eżiżenza ta' interess ġuridiku min-naħa tal-parti li tressaq talba u, għaldaqstant, lanqas ma twassal għal limi-tazzjoni tad-dritt li titressaq talba permezz tal-introduzzjoni ta' rekwiżiti addizzjonal partikolari. Barra minn hekk, jimmilita favur ir-rilevanza tal-eċċezzjoni ta' abbuż ta' dritt fil-kuntest tal-Artikolu 56(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 il-fatt li l-leġiżlatur ikkonċepixa l-proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bħala proċedimenti li jinbdew fuq inizjattiva ta' parti u li dikjarazzjoni ta' invalidità ex officio ta' trade mark irregistratora hija assolutament impossibbi.

- (2) Nuqqas ta' evalwazzjoni tal-fatti konkreti tal-każ inkwistjoni

Billi l-Qorti Ġenerali ċaħħdet lill-appellant mit-teħid inkunis-derazzjoni tal-eċċezzjoni ta' abbuż ta' dritt bħala prinċipju legali ġenerali, ma ġewx evalwati l-fatti partikolari tal-każ inkwistjoni, liema fatti kienu jiżvelaw li t-tressiq tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark "ultrafilter international", CTM 001121839, min-naħa ta' ultra air GmbH kienet ivvizzjata minn abbuż ta' dritt.

Fil-fatt, permezz tal-użu tagħha stess tas-sinjal inkwistjoni, ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali tixtieq tistrumentalizza għall-benefiċċju tagħha r-reputazzjoni tat-trade mark ikkostestata minnha, billi tqarraq xjentement bil-pubbliku rilevanti, u tixtieq toħloq l-impressjoni żbaljata li din it-trade mark tagħmel parti mit-tradizzjoni tal-predeċċura magħrufa tal-appellant.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ma evalwatx b'mod suffiċċienti r-rwol tal-amministratur ta' ultra air GmbH bħala l-parti li resqet it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark "ultrafilter international", CTM 001121839, li matul il-funzjonijiet tiegħu mal-appellant kien personalment u eskużjivament responsabbi għar-reġistrazzjoni tat-trade mark li issa qiegħed jikkontesta. Id-dokumenti kollha prodotti fil-proċedimenti għar-reġistrazzjoni sabiex tiġi pprovata l-kisba tal-karattru distintiv tat-trade mark ikkostestata ġew ippreżżentati minnu stess u inparti saħansitra nħarġu minnu u kienu jinsabu għad-dispożizzjoni eskużiva tiegħu.

(<sup>1</sup>) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (verżjoni kodifikata) (ĠU L 78, p. 1).